**80. ld-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor Louis Grech, jipproponi:**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2014 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieg, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9– ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l-aġġornament ma jittehidx.

28.10.13